# L-AGĦSAFAR TA' FILFLA

*John Borg*

Il-gżira żgħira ta' Filfla tinstab fin-nofsinhar ta' Malta, madwar 5 kilometri 'l barra mix-xatt t'Għar Lapsi. Din il-gżira hija magħmula minn irdum, għoli madwar 60 metru mad-dawra kollha, bil-parti ta' fuq tispiċċa fi pjanura. Taħt il-blat għoli jinstab saff ta' tifrik ta' ġebel.

Filfla għandha arja ta' madwar 5-6 ettari, b'dawra ta' madwar 800 metru. Il-pjanura fil-parti ta' fuq hija twila madwar 270 metru, b'wisa' li tilħaq id-69 metru.

Għal żewġ sekli sħaħ Filfla serviet ta' versall għall-qawwiet militari Ngliżi. It-tfigħ ta' bombi fuq Filfla kellu effett kemm pożittiv kif ukoll negattiv fuq il-flora u l-fawna tal-post. Għal żmien twil, il-parti ta' fuq kienet għerja minħabba t-tfigħ tal-bombi. Illum, wieħed isib numru sabiħ ta' pjanti u ħxejjex jikbru u jkattru hemm fuq. Minn barra dawn, fuq din il-pjanura nsibu l-akbar kolonja tal-Gawwija Prima (**Yellow-legged Herring Gull**) fil-gżejjer Maltin. Il-bombi waqfu fil-bidu tas-snin

*Dehra ta' Filfla mill-ajru* A.E. Baldacchino



sebgħin. L-ammont kbir ta' bombi li wieħed jara mferxxin qalb il-blat, illum iservi ta' deterrent għall-pubbliku nġenerali. B'effett ta' dan ġiet ippreservata l-flora u l-fawna mill-attenzjoni u l-qerda tal-bniedem. Lejn l-aħħar tas-sena 1987, Filfla ġiet iddikjarata riserva naturali. Biex wieħed issa jinżel fuqha jrid ikollu permess speċjali, u dan jingħata biss għal skopijiet xjentifiċi.

Qalb il-blat u t-tifrik numru kbir t'agħsafar isibu ambjent idejali fejn ibidu u jrabbu l-frieħ tagħhom. Fil-gżejjer Maltin insibu jbejtu ta' kull sena madwar 15-il speċi t'għasfur. Fuq Filfla nsibu tlieta minnhom, u dawn huma: il-Gawwija Prima, iċ-Ċiefa u l-Kanġu ta' Filfla.

## IL-GAWWIJA PRIMA

Il-Gawwija Prima (**Yellow-legged Herring Gull**) hija l-akbar għasfur li jbejjet fil-gżejjer Maltin. Għandha kulur abjad silġ, b'dahar u bi ġwienaħ griżi ċari. Il-ġwienaħ għandhom it-truf suwed bi ftit dbabar bojod. Għandha munqar b'saħħtu ta' kulur safrani b'dabra ħamra kważi fit-tarf tal-parti t'isfel. Is-saqajn huma sofor.

Madwar 150 par jibnu l-bejta tagħhom fuq Filfla, il-biċċa l-kbira fil-parti ta' fuq, b'waħdiet li jagħmlu l-bejta taħt l-irdum f'inħawi li ma jintlaħqux. Żmien in-namra jibda fi Frar. Kemm il-mara kif ukoll ir-raġel jibnu bejta goffa magħmula minn ħaxix niexef, alka, ċraret, biċċiet tal-plastik u materjal ieħor. F'Marzu l-mara tbid minn żewġ sa tliet bajdiet, lewn it-tafal b'ħafna dbabar kannella ċari u skuri. Għal erba' ġimgħat kemm il-mara kif ukoll ir-raġel joqogħdu jsaħħnu l-bajd, darba kull wieħed. Il-frieħ ifaqqsu għall-aħħar t'April jew għall-bidu ta' Mejju. Dawn ikunu miksijin b'suf safrani fil-griż u bi dbabar skuri fuq ir-ras u d-dahar. Il-frieħ iħallu l-bejta u jmorru jistkennu taħt pjanti fil-viċin. Għall-kenn tal-pjanti, huma jsejħu lill-ġenituri biex jitimgħuhom. L-ewwel frieħ li jtajru f'Ġunju, ma jkunu jixbhu xejn lix-xjuħ. Il-kulur tagħhom ikun kannella ċar b'ħafna tikek, strixxi u dbabar skuri. Il-munqar ikun sewdieni. Dawn jieħdu madwar erba' snin biex jiksbu l-kulur tax-xjuħ. Sat-tielet sena denbhom ikun għad fadallu faxx iswed fit-tarf.

L-ikel tal-gawwija jikkonsisti fl-iskart li ssib fil-baħar, kif ukoll ħut, bebbux, granċijiet, annimali oħra marittimi, insetti u anke agħsafar żgħar.

Minbarra Filfla, il-Gawwija Prima nsibuha tbejjet f'kolonji żgħar fis-sisien għolja tan-nofsinhar ta' Malta u Għawdex. Għalkemm din il-gawwija hija mħarsa bil-liġi numru kbir jinqatel għal xejn b'xejn b'konsegwenza li dan l-għasfur dejjem qiegħed jonqos. Fl-irdum ġewwa Ta' Ċenċ f'Għawdex, sa xi għaxar snin ilu kien hemm ibejjtu madwar 50 par. Illum ma baqax iżjed minn għaxar pari.

## IĊ-ĊIEFA

Iċ-Ċiefa (**Cory's Shearwater**) hija twila madwar 48ċm, u bil-fetħa tal-ġwienaħ mal-115ċm. Il-partijiet ta' fuq huma kannella fil-griż, b'denb aktar skur, filwaqt li l-pinen tal-ġwienaħ huma suwed. Ir-rix ta' taħt huwa bajdani. Il-munqar twil


A.MICALLEF
ŻEBBUĠ/91

iffurmat minn ħafna biċċiet, għandu l-ponta mgħawġa 'l isfel. Ħaġa partikulari li tinstab f'dawn l-agħsafar huma l-imnifsejn li jinsabu fuq barra tal-munqar, f'forma ta' żewġ tubi. Is-saqajn qegħdin lura fil-ġisem, waqt li s-swaba' huma magħqudin b'rita li tixbaħ lil dik tal-papri. Fuq l-art iċ-Ċiefa timxi billi titkaxkar fuq il-qasab ta' saqajha. Kemm dawn is-saqajn kif ukoll il-ġwienaħ twal u dojoq huma bżonjużi għall-ħajja ta' fuq il-baħar, fejn iċ-Ċiefa tqatta' ħajjitha ttir mingħajr waqfien għal ħinijiet twal.

Iċ-Ċiefa tersaq lejn l-art matul il-lejl biss, speċjalment fi ljieli mingħajr qamar. Forsi huwa minħabba l-fatt li tersaq bil-lejl li ċ-Ċiefa għadha tbejjet fil-gżejjer tagħna. Dan l-għasfur jibda jersaq lejn ix-xtut tagħna għall-aħħar ta' Frar. F'Marzu jibda żmien in-namur u fil-kolonji jkun hemm ħafna għajjat li jixbaħ il-biki ta' trabi. Dawn l-agħsafar ibejtu f'kolonji li d-daqs tagħhom ivarja minn waħda għall-oħra. Fuq Filfla nsibu madwar 200 par ta' Ċief, iżda din mhix l-akbar kolonja fil-gżejjer tagħna. Fix-xquq u l-ħofor ġewwa Ta' Ċenċ, insibu jbejtu mhux anqas minn 800 par.




*1.* Gawwija Prima *(Larus cachinnans)*
*2.* Kanġu ta' Filfla *(Hydrobates pelagicus)*
*3.* Ċiefa *(Calonectris diomedea)*
*4.* Garnija *(Puffinus puffinus)*

Tard wara nofsinhar, numru ta' Ċief jidher itir 'il barra mill-kosta, speċjalment waqt riħ qawwi. Fi ġranet bnazzi, wieħed jara qtajja' jistrieħu fuq il-baħar, jistennew il-lejl biex jersqu lejn l-art. Hekk kif jidlam, fil-kolonji wieħed jibda jisma' dawn l-agħsafar igħajtu u jwerżqu, filwaqt li jkunu jittajru ma' l-irdum, lesti biex jidħlu ġewwa l-post fejn ibejtu. Dan il-post ġeneralment ikun l-istess wieħed sena wara l-oħra, u għaldaqstant kemm il-mara kif ukoll ir-raġel jibqgħu fidili lejn xulxin minn sena għal sena. Iċ-Ċiefa ma tibnix bejta, u għall-aħħar ta' Mejju l-mara tbid bajda waħda ġewwa ħofra, xaqq jew għar. Il-bajda tkun ta' kulur bajdani matt, tkun tawwalija u ftit akbar minn ta' tiġieġa. F'ċerti każi l-ġenituri jżejnu l-post fejn ikun hemm il-bajda b'ġebel żgħir, rix u ħaxix niexef. Kemm il-mara kif ukoll ir-raġel joqogħdu fuq il-bajda darba kull wieħed.

Seba' ġimgħat wara, il-ferħ ifaqqas u dan ikun miksi b'suf folt griż li jilqagħlu kontra l-kesħa u l-umdita' tal-blat. Għall-ewwel ġimgħa wieħed mix-xjuħ jibqa' jsaħħnu filwaqt li l-ieħor iġib l-ikel bil-lejl. Imbagħad dawn jitilquh waħdu u jibdew iżuruh bil-lejl biss biex jitimgħuh. L-ikel jikkonsisti f'ħut, bħal kavalli u sawrell, u klamari. Wara li jgħaddu disa' ġimgħat minn fuqu, il-ferħ ikun waqqa' s-suf kollu u minn floku jtella' kisja ta' rix li tixbah lil dik tax-xjuħ. Il-ferħ iħalli l-bejta għall-aħħar t'Ottubru.

Matul ix-xhur sħan tas-sajf, xi nies joħorġu tard wara nofsinhar fuq bċejjeċ tal-baħar, u jisparaw u joqtlu numru kbir ta' Ċief għalxejn, u fil-fatt ħafna jitħallew mejta f'wiċċ l-ilma. Dan l-aġir illegali

huwa kollu riżultat ta' nuqqas ta' edukazzjoni u apprezzament lejn l-ambjent naturali tagħna.

## IL-KANĠU TA' FILFLA

Il-Kanġu ta' Filfla (**Storm Petrel**) hu għasfur żgħir, ftit akbar minn Għammiel tal-Bejt. Fih 15-il ċm u l-fetħa tal-ġwienaħ tilħaq 35ċm. Il-Kanġu hu ta' kulur iswed b'dabra bajda 'l fuq minn denbu. Saqajh u munqaru huma suwed. Bħaċ-Ċief dan ukoll għandu mnifsejh fuq barra, f'forma ta' żewġ tubi. Saqajh huma dgħajfa, għaldaqstant ma jimxix bħal agħsafar oħra.

L-imġiba tal-Kanġu tixbaħ ħafna lil dik taċ-ċief. Jersaq lejn l-art bil-lejl biss fiż-żmiem li jbejjet. Il-Kanġu jbid bajda waħda, ma jibnix bejta u kemm il-mara kif ukoll ir-raġel jieħdu parti fit-trobbija tal-ferħ sakemm dan itajjar.

Huwa rari ħafna li wieħed jara xi Kanġu viċin ix-xatt. Dan igħaddi l-ġurnata kollha 'l barra ħafna, ġeneralment itir fi qtajja' wara xi vapur li bl-iskrejjen tiegħu itella' l-plankton f'wiċċ l-ilma. Dan il-plankton jikkonsisti fi ħlejjaq żgħar li jinstabu fil-baħar, u li jiffurmaw parti kbira mid-dieta tal-Kanġu.

Il-mara tbid għall-aħħar t'April, iżda f'nofs Mejju jkun għad fadal xi pari li jkunu għadhom ma bidux. Il-bajda waħdanija tkun ta' kulur bajdani b'tikek ħomor fil-parti l-wiesgħa. Ħamsin ġurnata wara, il-ferħ ifaqqas u jkun miski b'suf folt griż. Għal xi żmien, il-ferħ ikun jiżen id-doppju tax-xjuħ. Meta jersaq xi periklu kemm il-ferħ kif ukoll ix-xjuħ jobżqu żejt li jinten ħafna. Kien għalhekk li missirijietna kienu jafu l-Kanġu bl-isem ta' Bunittien.

F'nofs Awwissu l-frieħ jibdew itajru u dan jibqa' sejjer sa nofs Ottubru meta kemm il-frieħ kif ukoll ix-xjuħ ikunu ħallew il-kolonja. Kif jindika l-isem, dan l-għasfur mill-gżejjer Maltin, insibuh ibejjet biss fuq Filfla. Il-Kanġu jbejjet ukoll fuq gżejjer żgħar oħra fil-Mediterran, u f'numri akbar fl-Atlantiku. Fuq Filfla insibu waħda mill-akbar kolonji tal-Kanġu ġewwa l-Mediterran, maħsuba li tlaħħaq għal mhux anqas minn 10,000 par. Kien tassew xieraq li din il-gżira żgħira tiġi dikjarata post tal-kenn għall-agħsafar, biex b'hekk ikomplu jkattru għal ġenerazzjonijeit oħra.

## IL-GARNIJA

Il-Garnija (**Manx Shearwater**) hija speċi oħra tal-baħar li tbejjet f'Malta. Il-Garnija kienet tbejjet ukoll fuq Filfla, iżda tul dawn l-aħħar snin ma kienx hemm provi konkreti li din reġgħet bejtet hemm. Għandha l-istess karatteristiċi taċ-Ċiefa kemm fl-imġiba kif ukoll fl-istruttura. Id-differenza tinstab fid-daqs u l-kulur. Il-Garnija hija twila 36ċm u għandha l-fetħa tal-ġwienaħ tilħaq madwar 82ċm. Il-partijiet ta' fuq huma suwed filwaqt li taħt huwa bajdani. Il-munqar ikun iżgħar u ta' lewn griż skur. Il-Garnija tbejjet fl-irdumijiet ta' fuq il-baħar fil-gżejjer Maltin kollha, anki fuq Kemmuna u Kemmunett.

Bil-ħarsien ta' Filfla biss nistgħu ngħidu li dan il-wirt naturali tant sinjur jista' jiġi salvat biex igawduh dawk ta' warajna.